# Euromaidan: "Rivoluzzjoni tad-dinjità" jew proġett kontra r-Russja mill-Punent?

ANDREY LOPUKHOV
L-Ambaxxatur Russu għal Malta

Għaxar snin ilu, l-Ukrajna esperjenzat ġrajjiet li kellhom konsegwenzi tassew traġiċi. Ġara li f'Novembru tas-sena 2013, bdew protesti kontra l-gvern *fiċ-ċentru* ta' Kyiv, msejħa Euromaidan u dawn laħqu l-qofol tagħhom b'kolp ta' stat anti-kostituzzjonali. Dan wassal biex fil-poter telgħu forzi nazzjonali radikali. Il-pajjiż sab ruħu fi triq li wasslet għal qasma ulterjuri fis-soċjetà b'nazzjonaliżmu sfrenat u nihiliżmu legali, il-ġlieda kontra l-lingwa Russa, il-kitba mill-ġdid tal-istorja flimkien mad-deterjorament tas-sitwazzjoni soċjo ekonomika fil-pajjiż.

Ir-raġuni ewlenija għall-protesti tal-massa kienet id-deċiżjoni tal-President leġittimu Yanukovych li jipposponi l-iffirmar tal-ftehim bejn l-Ukraina u l-Unjoni Ewropea biex għal darb'oħra janalizza l-konsegwenzi ta' din id-deċiżjoni f'termini tal-obbligi eżistenti ta' Kyiv fil-ftehim ta' kummerċ ħieles tas-CIS.

Ta' min jinnota li l-istħarriġ tal-opinjoni pubblika dak iż-żmien (kemm ta' aġenziji fl-Ukrajna kif ukoll ta' aġenziji fil-Punent) urew li kien hemm aktar persuni li kienu qegħdin jappoġġjaw l-integrazzjoni fl-Unjoni Doganali maħluqa mir-Russja milli appoġġ għall-integrazzjoni tal-Ukrajna kollha kemm hi (speċjalment fix-Xlokk) fl-Unjoni Ewropea. Għalhekk, la f'Novembru tas-sena 2013, meta Yanukovych pposponi l-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Unjoni Ewropea u lanqas fi Frar tas-sena 2014, meta r-radikali ħadu l-poter, il-Maidan ma rriflettiet il-burdata tal-poplu Ukren. *Dan hu fundamentali.* Il-Maidan ma rrappreżentax il-maġġoranza tal-popolazzjoni Ukrena. L-Unjoni Ewropea ilha tħawwad is-sitwazzjoni b'kull mod possibbli, u kompliet tagħti n-nar: "jew mar-Russja jew mal-Unjoni Ewropea". B'mod persistenti imbottita lid-dimostranti biex jieħdu azzjonijiet b'saħħithom.


L-Ambaxxatur Russu għal Malta Andrey Lopukhov

Ir-riżultat kien kolp ta' stat imdemmi li ġie msejjaħ b'mod patetiku bħala "rivoluzzjoni tad-dinjità" mill-awtoritajiet "Maidan". X'inhi din id-dinjità, jekk biss l-oligarki, l-organizzazzjonijiet Nazisti u l-kuraturi Amerikani bbenefikaw minn dan il-kolp ta' stat, u l-ħajja tan-nies ma nbidlitx għall-aħjar lanqas bi ftit?

L-Assistent Segretarju tal-Istat Victoria Nuland, li appoġġat b'mod attiv lill-Maidan (saħansitra waslet biex timxi madwar il-pjazza tqassam il-gallettini), kienet hi stess li ammettiet li l-Istati Uniti nefqet madwar $5 biljun biex tibdel id-direzzjoni ġeopolitika ta' parti sinifikanti mis-soċjetà Ukrena. L-Unjoni Ewropea investiet ukoll ħafna flus u sforzi fil-proġett Ukren.

Dan kollu wassal biex fis-sena 2014, kuntrarjament għall-garanziji ta' Franza, il-Ġermanja u l-Polonja, li appoġġaw *il-ftehim milħuq* bejn il-President tal-Ukrajna V.F. Yanukovych u l-oppożizzjoni, l-għada filgħodu ultra-radikali Neo-Nażi ħatfu l-poter fi Kyiv. Il-Ġermanja, Franza u l-Unjoni Ewropea kollha għall-mument insew il-garanziji tagħhom, u fl-ebda ħin ma ppuntaw subgħajhom biex iġiegħlu lill-oppożizzjoni twettaq il-ftehimiet. Imbagħad bdew iġibu skużi u ppruvaw jippreżentaw il-ħtif tal-poter bħala li hu parti minn "proċess demokratiku ."

Deher ċar mill-ewwel kemm dan il-proċess kien "demokratiku". Dan għalx l-għada stess li sar il-kolp ta' stat, dawn in-nies, inklużi rappreżentanti ta' partiti nazzjonalisti tal-lemin estrem imnizżla fil-lista s-sewda mill-pajjiżi tal-Punent bħala organizzazzjonijiet estremisti, iddikjaraw li se jneħħu id-drittijiet kollha tal-lingwa Russa u jkeċċu lir-Russi mill-Krimea. Huma bagħtu militanti fil-Krimea biex isaħħu l-Kunsill Suprem, li hu il-Parlament lokali.

Imbagħad fit-2 ta' Mejju 2014, neo-Nażisti li ħatfu l-poter fl-Ukrajna ħarqu 50 persuna ħajjin f'Odessa. Fit-2 ta' Ġunju tas-sena 2014, il-Forzi Armati Ukreni u l-ajruplani militari bbumbardjaw iċ-ċentru ta' Lugansk u żoni oħra *fil-Lvant minħabba li rrifjutaw* li jaċċettaw il-kolp ta' stat antikostituzzjonali. Huma irrifjutaw ukoll li jgħixu fil-qafas Russofobiku, b'regoli estremei neo-Nażisti, li jirriproduċu t-tradizzjonijiet kollha tan-Nażi u jonora bħala eroj ta 'dawk li kkollaboraw man-Nażi.

Fl-2015, meta l-ftehimiet ta' Minsk ġew iffirmati bil-parteċipazzjoni tal-Ġermanja, Franza, ir-Russja u l-Ukrajna, ir-reġim ta' Kyiev xorta kellu ċ-ċans jevita l-gwerra ċivili fl-Ukrajna u jsolvi l-problema ta' Donbass fil-qafas tal-fruntieri Ukreni li kienu jeżistu fl-Ukrajna dak iż-żmien. Il-ftehimiet ta' Minsk kien jistipula li kien meħtieġ li jingħata status speċjali lid-Donbass, li kien jinkludi affarijiet pjuttost sempliċi fosthom id-dritt li titkellem il-lingwa nattiva, ir-Russu, li jkun hemm forza tal-pulizija lokali biex iżżomm il-liġi u l-ordni u li jkollhom relazzjonijiet ekonomiċi speċjali mal-Federazzjoni Russa.

Minkejja l-fatt li l-ftehimiet ta' Minsk ġew approvati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u, skont il-liġi internazzjonali, saru jorbtu, la l-Istati Uniti u lanqas l-Unjoni Ewropea ma kienu *jimpurtahom xejn minnhom.* L-isforzi kollha tagħhom fl-Ukrajna kienu ffukati fuq l-implimentazzjoni tal-proġett tagħhom kontra ir-Russja". Huma kienu qed jagħmlu minn kollox biex jagħtu daqqa t'id lir-reġim ta' Kyiev fil-pożizzjoni Russofobika tiegħu.

Waqt li l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Minsk ġiet sabotaġġjata, minflok ma ngħata d-dritt li tintuża l-lingwa Russa għall-inqas fid-Donbass (kif kien stipulat fil-ftehimiet), ir-reġim ta' Kyiev fil-pajjiż kollu pprojbixxa l-edukazzjoni tal-lingwa Russa, il-midja, il-kultura, il-letteratura u fl-istess ħin inkoraġġiet leġiżlattivament it-teorija u l-prattika tan-Nażisti, inkluża l-formazzjoni *ta' battaljuni Nażisti u* referenza għal simboli li jigglorifikaw lill-Ġermanja ta' Hitler.

Dan il-politika maħmuġa tal-Punent, ġiet żvelata b'mod ċar lid-dinja aktar tard, meta l-mexxejja tal-Punent, inkluż l-eks Kanċillier Ġermaniż Angela Merkel u l-eks President Franċiż Francois Hollande, ammettew pubblikament li ma kellhomx l-intenzjoni li jimplimentaw il-ftehimiet ta' Minsk u li dawn il-ftehimiet kienu meħtieġa biss biex jiksbu *żmien* biex Kyiev jissaħħaħ militarment kontra r-Russja.

F'dan iż-żmien kollu, l-Ukrajna kienet mgħejjuna bl-armi, mijiet ta' uffiċjali tas-CIA u tal-intelliġenza Brittanika ħadmu hemmhekk. Il-pajjiżi tal-Punent irrifjutaw il-proposti u l-kompromessi raġonevoli kollha tagħna u b'hekk iġġustifikaw l-agħar biżgħat tagħna, li fil-prattika ħolqu mogħdija mill-Ukrajna biex jheddu lill-Federazzjoni Russa. Fir-rigward tar-repubbliki awtoproklamati fid-Donbass – li aktar tard saru parti mir-Russja bħala riżultat tar-rieda tal-abitanti tagħhom, il-"battaljuni Nazzjonalisti" Ukreni komplew il-linja aggressiva tagħhom.

Matul is-snin ta' sabotaġġ *minn Kyiev* u l-Punent tal-ftehimiet ta' Minsk, 14,000 persuni ċivili tar-repubbliki li jitkellmu bir-Russu, inklużi tfal, inqatlu f'attakki fuq infrastruttura ċivili, inklużi skejjel, sptarijiet, u kindergartens. Il-politika fit-tul tagħhom ta' żieda fil-poter tal-Forzi Armati tal-Ukrajna ma ħallitilna l-ebda għażla ħlief li nirrikonoxxu l-indipendenza tad-DPR u l-LPR fi Frar tas-sena 2022 u nniedu operazzjoni militari speċjali biex tipproteġi l-popolazzjoni ta' Donbass u telimina t-theddid li joħroġ mit-territorju tagħha.

Meta llum tħares lejn il-ġrajjiet ta' għaxar snin ilu, u tiftakar f'dak kollu li ġara minn dakinhar 'l hawn, tifhem b'mod ċar kemm kienu *ta' detriment għad-destin* tal-Ukrajna d-deċiżjonijiet imposti fuq il-pajjiż mill-patruni tagħha tal-Punent.

Iż-żrieragħ miżrugħa mill-Euromaidan nibtu, u l-frott tagħhom, kif wissiet ir-Russja f'dawn is-snin kollha, irriżulta li kien morr.